VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,382, 13 ta' Frar, 2015

Taqsima B

A.L. 46 tal-2015

ATT DWAR IL-KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA (KAP. 478)

Regolamenti tal-2015 li jissostitwixxu l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, il-Ministru għat-Turiżmu għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jissostitwixxu l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda". Kap. 478.

Jissostitwixxi l-Iskeda.

2. L-Iskeda għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Skeda

(Artikolu 25)

Produzzjoni awdjoviżiva titqies bħala "produzzjoni kwalifikanti" kif imsemmi fl-artikolu 25 ta' dan l-Att jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Ix-xogħol awdjoviżiv ikkonċernat ikun prodott magħmul kompletament jew f'parti minnu ġewwa Malta fuq bażi kummerċjali bil-għan li jsiru profitti; u

2. Ix-xogħol awdjoviżiv ikkonċernat ikun magħmul kompletament jew prinċipalment għal esibizzjoni lill-pubbliku ġewwa ċ-ċinema jew permezz ta' xandir televisiv; u

3. Ix-xogħol awdjoviżiv ikkonċernat ikun:

(a) *Feature film*

Feature film jinkludi dawk il-*films* li jiġu ffilmjati direttament biex jintwerew fuq il-video, u fejn il-film jiġi normalment skrinjat bħala l-attrazzjoni ewlenija fiċ-ċinematografi kummerċjali; u li jdum mhux inqas minn 60 minuta, jew f'każ ta' film ta' format kbir (IMAX) mhux inqas

minn 45 minuta;

(b) Film televiżiv jew Serje Televiżiva jew Mini-Serje

Film televiżiv

Film televiżiv tfisser dramm (jiġifieri kompożizzjoni li tirrakkonta storja permezz tal-iżvilupp ta' xi tema u trama, ta' djalogu u azzjoni u tar-rappreżentazzjoni ta' karattri, xeni u sitwazzjonijiet reali) ta' natura li tixbaħ il-dik ta' *feature film* u li jkun jista' jiġi esibit fuq it-televiżjoni fejn il-film televiżiv ma jkunx inqas minn tul ta' siegħa ta' televiżjoni kummerċjali, jew fil-każ ta' programm fejn jintużaw *cell*, *stop motion* u/jew animazzjoni bil-kompjuter mhux inqas minn tul ta' nofs siegħa ta' televiżjoni kummerċjali; u jkun iffilmjat u proċessat skont l-i*standards* kummerċjali tad-distribuzzjoni, għal esibizzjoni ġewwa ċ-ċinema jew għal xandira tat-televiżjoni internazzjonali;

Jew

Serje televiżiva jew mini-serje

Serje televiżiva jew mini-serje tfisser dramm televiżiv episodiku, inkluża l-animazzjoni, li jikkonsisti jew f'dramm kontinwu imma b'episodji indipendenti magħmul għat-televiżjoni fejn l-elementi drammatiċi essenzjali tal-karattru, tat-tema u tat-trama huma introdotti, żviluppati u konklużi b'mod li jiffurmaw struttura narrativa (li tixbaħ lil dik ta' rumanz) li tinvolvi trama ewlenija kontinwa intensifikata permezz ta' trami minuri u fejn hemm l-istennija ta' tmiem li jsolvi t-tensjonijiet ewlenin tat-trama u li huwa mqassam f'episodji konsekutivi għal raġunijiet ta' skrining; jew f'antoloġija ta' xogħlijiet drammatiċi għat-televiżjoni fejn l-elementi drammatiċi essenzjali tal-karattru, tat-tema u tat-trama huma introdotti, żviluppati u konklużi b'mod li jiffurmaw struttura narrativa fi ħdan kull episodju (bħal f'dik ta' rumanz jew ta' novella) iżda ma jkunx hemm kontinwità fit-trama bejn episodju u ieħor (għalkemm jista' jkun hemm xi elementi komuni f'kull episodju) u li huwa magħmul biex jixxandar taħt isem ġenereiku wieħed; u jkun iffilmjat u proċessat skont l-i*standards* kummerċjali tad-distribuzzjoni, għal xandira tat-televiżjoni internazzjonali.

(c) Animazzjoni

Animazzjoni tfisser filmat komplut u serje televiżiva

VERŻJONI ELETTRONIKA

animata għad-distribuzzjoni internazzjonali kemm prodotta permezz tal-kompjuter kif wkoll b'xort oħra, iżda esklużi l-logħob tal-kompjuter.

(d) Dokumentarju kreattiv

Dokumentarju kreattiv huwa proġett ibbażat fuq tema oriġinali li jkun fih element ta' nuqqas ta' rabta maż-żmien fis-sens li ma jkun hemm ebda telf ta' interess meta l-avveniment li miegħu t-tema tkun marbuta jgħaddi u d-dokumentazzjoni ikun fiha kontenut sinifikanti ta' ffilmjar oriġinali li ma jkunx limitat għar-rappurtaġġ ta' informazzjoni.

(e) Produzzjonijiet *transmedia* u *crossmedia*

Produzzjonijiet *transmedia* u *crossmedia* tfisser produzzjonijiet ta' *films* li jagħmlu użu minn midja differenti biex jirrakkonatw l-istess storja, fejn kull medjum jikkontribwixxi għall-prodott komplet. Il-proġetti *transmedia* li jkollhom xi konnessjoni mal-produzzjoni ta' film huma kkunsidrati li jikkwalifikaw bħala xogħol awdjoviżiv. Iżda x-xogħol awdjoviżiv ma jitqiesx bħala "produzzjoni kwalfikanti" jekk ix-xogħol awdjoviżiv konċernat ikun jinkludi jew ikun sostanzjalment ibbażat fuq:

(i) wirjiet pubbliċi jew speċjali magħmulin bi skop li jiġu ffilmjati jew għal xi skop ieħor;

(ii) attivitajiet sportivi;

(iii) logħob jew kompetizzjonijiet;

(iv) ġrajjiet kurrenti jew *talk shows*;

(v) programmi li juru ħidmiet, passatempi jew proġetti;

(vi) programmi ta' reċensjoni, programmi fi stil ta' rivista jew programmi dwar *lifestyle*;

(vii) programmi bla *script* jew tax-xorta *reality*;

(viii) programmi ta' riklami jew riklami;

(ix) kontenut pornografiku jew espliċitu sesswalment.".